C/2023/1096

22.11.2023

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11160 — CARRIER / VIESSMANN CLIMATE SOLUTIONS)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2023/1096)

1. Fit-13 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Carrier Global Corporation ("Carrier", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Viessmann Climate Solutions SE ("Viessmann", il-Ġermanja), ikkontrollata minn Viessmann Group GmbH & Co. KG.

Carrier se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll ta' Viessmann kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Carrier hija attiva fil-manifattura u d-distribuzzjoni ta' tisħin, ventilazzjoni, arja kondizzjonata, refriġerazzjoni u soluzzjonijiet ta' nirien u ta' sigurtà f'aktar minn 160 pajjiż, madwar id-dinja,

— Viessmann hija negozju tal-familja attiva fl-iżvilupp, il-produzzjoni, il-bejgħ u s-servizz ta' prodotti, komponenti tas-sistema u aċċessorji għat-tisħin, it-tkessiħ u l-kontroll tal-klima tal-bini.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11160 — CARRIER / VIESSMANN CLIMATE SOLUTIONS

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").